MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 12/2003/1

**Joseph Difesa**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Ir-rikorrenti f' din il-kawza pproceda quddiem din il-Qorti biex jitlob li s-sentenza taghha moghtija fis-26 ta' Mejju 2004 tigi ritrattata a tenur tas-subinciz (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Is-sottomissjonijiet avvanzati minnu huma kif gej:-

Illi fis-sentenza taghha l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi hazin u dana ghal zewg ragunijiet. Hija ma kienitx cara fid-decizjoni taghha jekk f' decizjonijiet ta' natura amministrattiva japplikax o meno l-principju tar-"*res judicata*". Dan il-punt ta' dritt kien gie issollevat quddiem

il-Qorti izda ghalkemm il-Qorti kkonsidratu fil-konsiderazzjonijiet taghha fis-sentenza moghtija minnha ma jidhirx li tat decizjoni espressa fuqu u bghatet lura l-atti lill-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar. Ghalhekk il-Qorti hawnhekk applikat il-ligi hazina ghaliex indubbjament fi kwistjonijiet ta' natura purament amministrattiva l-principju tar-"*res judicata*" m' huwiex applikabbli;

Fit-tieni lok, dan huwa punt ta' ligi li l-Qorti kellha tiddisponi minnu ai termini ta' l-Artikolu 15 (2) ta' l-Att Numru I tas-sena 1992. Minflok il-Qorti ta' l-Appell b' mod proceduralment erroneju ma ddecidietx dan il-punt purament ta' dritt u minflok bghatitu lura lill-Bord ta' l-Appelli Dwar l-Ippjanar halli jkun dan il-Bord amministrattiv li jiehu decizjoni espressa u finali dwar dan il-punt ta' dritt. Il-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi ta' procedura hazin stante illi l-iskop ta' l-appell mill-Bord ta' l-Appelli ta' l-Ippjanar ghall-Qorti ta' l-Appell huwa appuntu halli l-Qorti ta' l-Appell tiddeciedi dawn il-punti ta' ligi u m' hux terga' tibghat l-atti lill-Bord ta' l-Appelli Dwar l-Ippjanar halli jiddeciedi punt li kien gja' ha decizjoni espressa dwaru;

L-Awtorita` opponiet din it-talba b' risposta f' dawn it-termini:-

1. Illi t-talba ghar-ritrattazzjoni a bazi ta' l-Artikolu 811(e) tal-Kapitolu 12 hija nulla stante li a tenur tal-provvedimenti ta' dan l-artikolu hemm lok ta' ritrattazzjoni "jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin". Il-ligi tissokta, imbaghad, tiddefinixxi l-limiti ta' dan is-subinciz billi tipprovdi s-segwenti:-

"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni";

2. Illi l-gurisprudenza pjuttost voluminuza fuq dan il-provvediment tista' tingabar fis-segwenti punti:

Hemm biss applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta’ dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-fatti imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gusta ghal dawk il-fatti;

Irid jigi provat li l-Qorti applikat il-ligi l-hazina u mhux li applikat il-ligijiet taghha b’ mod hazin;

L-ipotesi ta’ applikazzjoni hazina ta’ ligi tikkonkreta ruhha meta hemm vjolazzjoni manifesta tal-ligi, u mhix soggetta ghall-interpretazzjoni, razjocini jew argomenti. Vide “Commonwealth Educational Society Limited vs Camilleri Adriana” (Appell 372/99 deciz 2/6/03);

3. Illi fid-decizjoni moghtija fl-appell fl-ismijiet “Philip Amato Gauci vs Angelo Agius” (Appell 2177/98 deciz 24/11/03) dina l-Onorabbli Qorti sostniet:

*“*L-applikazzjoni hazina timmanifesta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni espressa, cara, mhux soggetta ghal interpretazzjoni jew razjocinji jew argumenti”;

Biex jigi eradikat id-dritt ghal ritrattazzjoni, ir-rikorrent irid jipprova bil-premessa tieghu illi l-Qorti applikat il-ligi l-hazina u mhux li applikat il-ligijiet tajba b’ mod hazin;

Jekk l-interpretazzjoni tal-fatti, il-valutazzjoni u l-apprezzament tal-provi, ma jaghtux lok ghal ritrattazzjoni in kwantu dawn huma attributi li jispettaw esklussivament lill-gudikant li jissindika u jiddeciedi l-mertu, *multo magis* ma jaghtix lok ghal ritrattazzjoni l-ezercizzju ta’ diskrezzjoni u gudizzju mill-gudikant moghti lilu espressament mil-ligi”;

4. Illi oltre dan, a tenur tal-provvedimenti ta’ l-Artikolu 816 ta’ l-istess Kapitolu 12, ir-ritrattand ghandu jsemmi espressament fir-rikors ta’ ritrattazzjoni, il-Ligi li jmissha giet applikata minflok dik allegatament hazina applikata mill-gudikant fid-decizjoni li minnha tkun qed issir it-talba ghar-ritrattazzjoni. Oltre dan:

"Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni hu wiehed straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga tal-principju li sentenza li saret 'res judicata' ghandha forza ta' ligi bejn il-kontendenti. Kien ghalhekk li rimedju ta' din ix-xorta kellu jigi interpretat b' mod restrittiv u ma setax jigi nvokat jekk mhux fil-kazijiet specifici elenkati fil-ligi. Inoltre l-ligi timponi certi kondizzjonijiet ghall-ezercizzju ta' l-istess rimedju li wiehed hu mistenni li josservahom skrupolozament." (Vide "Catherine Caruana vs Anna Schembri" - Appell 20/91 deciz 20/10/03);

5. Illi rigward in-natura restrittiva li bih ghandhom jigu interpretati il-provvedimenti ta' l-Artikolu 811 gew ribaditi minn numru ta' sentenzi fosthom:

*Palmar Limited vs Ciantar Victor (Appell Inferjuri) deciz 12/5/03*
*Muscat Inglott vs Manduca (Appell) deciz 6/12/02*
*Cutajar vs Muscat (Appell Inferjuri) deciz 12/5/03*
*Berkeley Limited vs Mizzi (Appell) deciz 30/6/03*
*Vella vs Cefai (Appell) deciz 27/3/03*

6. Illi jinghad bir-rispett, illi a rigward l-ewwel aggravju tar-ritrattand, imkien ma gie indikat mill-istess ritrattand liema hija l-Ligi li skond huwa kellha tigi applikata fil-kuntest ta' dak l-aggravju, u ghaldaqstant, limitatament fuq dan il-punt biss, it-talba tar-ritrattand ghandha tigi michuda;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tidhol fil-mertu ta' l-ewwel aggravju, l-istess talba hija daqstant iehor insostenibbli, stante illi fil-pagna sittax (16) tad-decizjoni taghha, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ddecidiet espressament hekk:

"Illi ghalhekk in vista ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-ewwel aggravju ta' l-Awtorita` appellanti (u cjoe dak rigward ir-'res judicata' fil-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appelli) ghandu jigi milqugh";

8. Illi in vista ta’ dan wiehed ma jistax jifhem a bazi ta’ x’ hiex qieghed jinghad illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell applikat il-Ligi hazina f’ dan il-kuntest;

9. Illi l-istess jinghad ghall-asserzjoni gratwita tar-ritrattand fejn jinghad illi *fi kwistjoni ta’ natura purament amministrattiva l-principju tar-res judicata m’ huwiex applikabbli.* Illi bir-rispett kollu, tali asserzjonji ma ssib l-ebda sostenn legali, stante li kull ma huwa qieghed isir f’ dan l-istadju mir-ritrattand huwa li jidhol fil-valutazzjoni maghmula mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fuq punt mertu ta’ l-appell, u li fuqu l-istess Qorti tat il-gudizzju taghha. Biex ir-ritrattand ikollu success f’ dak li qieghed jitlob f’ dan l-istadju, huwa jrid jikkwota liema Ligi tipprovdi li fil-kamp amministrattiv ma japplikax il-principju tar-*res judicata*, xi haga li fil-fatt ir-ritrattand m’ huwiex qieghed jaghmel, u bir-rispett kollu lanqas ma ghamel quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell;

10. Illi l-istess jinghad ghat-tieni aggravju tar-ritrattand, u cjoe li l-Qorti ta’ l-Appell kellha tiddeciedi dan il-punt ta’ dritt hija, u mhux tibghat l-atti lura lill-Bord ta’ l-Appelli biex jiddisponi mill-appell skond id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell;

11. Illi jibda biex jinghad illi minn dak sottomess fit-tieni aggravju, ir-ritrattand qieghed jikkontradici dak sottomess minnu stess fl-ewwel aggravju, stante li fl-ewwel aggravju jghid illi l-Bord ma ddecidiex il-punt ta’ dritt, u fit-tieni aggravju jinghad illi l-mod li bih gie deciz dan l-istess punt kien hazin stante li l-Qorti kien messha tiddecidieh hija stess u mhux tirrinvija l-atti lura lill-Bord ta’ l-Appelli;

12. Illi oltre dan, tali aggravju huwa daqstant iehor infondat fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa car illi d-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell hija a tenur tal-provvedimenti ta’ l-Artikolu 15 ta’ l-Att Dwar l-Ippjanar, liema artikolu jeradika l-gurisdizzjoni ta’ l-istess Qorti;

13. Illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell kienet kompletament korretta meta hija astjeniet milli tevalwa il-

fatti hija, u ddecidiet biss il-punt ta' dritt, u cjoe jekk japplikax il-principju tar-'*res judicata*' fi proceduri amministrattivi. B'dan il-punt stabbilit, issa sta ghall-Bord ta' l-Appelli biex jara jekk il-fatti li huwa ghandu quddiemu jinkwadrawx ruhhom fil-principju legali tar-*res judicata*, stante li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, f' dawn il-proceduri, stante l-gurisdizzjoni limitata taghha, ma tistax tevalwa fatti, izda punt ta' dritt biss;

14. Illi fl-ahhar nett jinghad illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ibbazat id-decizjoni taghha fuq aggravji ohra imressqa mill-Awtorita` ritrattata, u annullat id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli u ordnat ir-rinviju, fuq aggravji ohra, mil-liema aggravji r-ritrattand ma jidhirx li qieghed jitlob ritrattazzjoni, u ghaldaqstant, it-talba tar-ritrattand hija legalment insostenibbli stante li d-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma tistax tigi ikkancellata u mhassra;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-Awtorita' esponenti, filwaqt li ghamlet referenza ghall-provi gia prodotti u irriservat li ggib il-provi kollha permessi mill-Ligi, umilment talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad t-talbiet tar-ritrattand bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent ritrattand.

Kif manifest, fil-kaz taht ezami ir-ritrattandi qed jippretendi li ghandu dritt jitlob is-smigh mill-gdid fit-termini tas-subinciz (e) ta' l-Artikolu 811. Dan jipprovdi li kawza deciza b' sentenza fi grad ta' appell tista' tigi ritrattata "**jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin**". Jissokta jigi precizat illi "**ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwestjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha il-qorti tkun espressament tat decizjoni**";

Il-Qrati taghna kellhom okkazjoni bosta drabi jipproponu l-veduti taghhom in meritu ghal dan l-artikolu tal-ligi. B' mod partikulari jistghu jigu senjalati dawn:-

(I) L-ipotesi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi tikkonkreta ruhha meta jkun hemm "*la violazione manifesta di una legge espressa, chiara, non soggetta ad interpretazione, ne` a raziocinio o argomenti*", **Kollez. Vol. VII p 526; Vol VIII p 529; "Marie Teresa Grech *et* -vs- Giljan Abela"**, Appell, 8 ta' Gunju 1999;

(II) "*Non fornisce motivo di ritrattazione secondo la legge l' errore che si manifesta, o che si crede esistere, nei criteri e nei caratteri coi quali il fatto è stato appreso dal giudicante; poiche l' apprezzamento e l' interpretazione del fatto costituiscono l' insindicabile convincimento del giudice*", **Kollez. Vol. XXIV p 612; Vol. XXVIII P I p 894; Vol. XLII P I p 227**;

Huwa desumibbli minn dawn l-enuncjazzjonijiet illi hemm lok ghal smiegh gdid fuq il-bazi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi mhux jekk il-Qorti tkun interpretat erronjament il-ligi applikabbli ghall-meritu quddiemha imma biss jekk tkun applikat ghal dak il-meritu ligi zbaljata u cjoe ligi minflok ohra. Tant hu hekk li l-ligi stess timponi bl-Artikolu 816 Kapitolu 12 illi fir-rikors tieghu r-ritrattand jispecifika liema ligi kien messha giet applikata mill-Qorti, u meta r-raguni hija applikazzjoni hazina tal-ligi l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien messha giet applikata. Ara fost ohrajn sentenzi fl-ismijiet "**Joseph Micallef -vs- George Pavia**", Appell, 5 ta' Frar 1993; "**Vincenza Borg -vs- Giuseppe Giordmaina**", Appell, 19 ta' Jannar 1996; "**AIC Emanuel Zammit *nomine* -vs- Nazzareno Fenech**", Appell, 30 ta' Gunju 1997;

L-Awtorita` ritrattata tissottometti, *inter alia*, illi fl-ebda parti ta' l-aggravju tar-ritrattand, bazat fuq dan is-subinciz, ma jinsab sodisfatt ir-rekwizit tal-ligi bl-indikazzjoni tal-ligi li kien imissha giet applikata u allura fuq hekk biss dan l-aggravju jisthoqqlu li jigi skartat. Dwar dan certament ir-ritrattat kien qed isegwi d-dettam tal-ligi u t-taghlim tal-Qrati kif senjalat f' bosta sentenzi. Ara a propozitu "**Joseph Borg *et* -vs- Carmelo Muscat *et***", Appell, 30 ta' Marzu 2001;

Ciononostante dan, l-istess Qorti ta' l-Appell f' sentenza anterjuri kienet irriteniet fuq din il-mankanza tar-riferenza tal-ligi illi "fil-fehma ta' din il-Qorti, pero`, mhux talli dan jgibx in-nullita` ta' l-istess petizzjoni izda llum, bil-ligi kif inhi, hemm flessibilita` konsiderevoli li thalli lok ghal tibdil fl-att promotorju li jista' jigi awtorizzat minn din il-Qorti. M' hemm xejn x' jindika li l-izball tar-ritrattand ghandu jgib bhala konsegwenza n-nullita`. Dan ma johrog mill-ebda ligi" - "**Dottor George Vassallo *et* -vs- Julian Sammut**", Appell, 19 ta' Mejju 1998. In effetti, f' dan il-kaz, dik il-Qorti awtorizzat t-tibdil necessarju ghal fini tal-konformita mal-ligi. Fil-kaz odjern dan sar mir-ritrattand permezz ta' Nota introdotta fit-22 ta' Frar 2005 fejn fiha ssenjala li l-ligi li messha giet applikata kien l-Artikolu 15 (2) ta' l-Att Numru I tas-sena 1992 u Artikolu 6 tat-Tielet Skeda ta' l-istess Att.

Dan premess, huwa mportanti ghall-ahjar indagini tal-materja illi jigu stabbiliti l-aspetti kif jirrizultaw mill-atti processwali ghax dawn huma, fil-fehma tal-Qorti, rilevanti biex jigi determinat jekk kienx hemm jew le applikazzjoni hazina tal-ligi allegata mir-ritrattand:

(1) Fil-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar riferibilment ghall-appell interpost quddiemha mir-ritrattand fil-konfront ta' l-applikazzjoni PA 6914/97, l-Awtorita` kienet hemm issollevat l-eccezzjoni tar-*res judicata*;

(2) Fis-sentenza tieghu tat-30 ta' Ottubru 2000 il-Bord kien cahad din l-eccezzjoni bil-motivazzjoni generika illi gjaladarba l-*policies* jinbidlu sena wara l-ohra ma hemm xejn x' jipprekludi lill-applikant milli jaghmel l-applikazzjoni tieghu kif u meta jrid, u ghalhekk wiehed ikun inkorrett jghid li l-appell huwa a priori null billi jitrattata dwar *res judicata*. Dan anke jekk l-istess Bord irrikonoxxa illi sabiex ikun hemm ir-*res judicata* l-Bord jifhem li jrid ikun hemm kollox l-istess sija mil-lat ta' applikant sija mil-lat ta' applikazzjoni u sija mil-lat ta' *policies* applikabbli;

(3) Mill-aggravju ntrodott mill-Awtorita` fuq dan il-punt wara s-sentenza finali tal-Bord (23 ta’ Mejju 2003), il-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza taghha tas-26 ta’ Mejju 2004, issa ritrattata, iddeterminat fl-ewwel lok li l-punt devolut lilha kien wiehed ta’ dritt maqtugh fis-sentenza. Hi ghaddiet imbaghad biex tirrileva illi l-enuncjazzjoni sottomessa mill-Bord ma kellhiex tigi konsiderata “*in vacuo*”, bla ebda riferenza ghall-applikazzjonijiet precedenti u ghall-*policies* applikabbli;

Fi kliem iehor fil-hsieb ta’ din il-Qorti dak li stabbilit dik is-sentenza kien dak li l-Bord ma setax jitlaq mill-punt illi, kwazi, kwazi, ma kellux ghalfejn jindaga l-eccezzjoni tar-*res judicata* semplicement fuq konsiderazzjoni aprijoristika tal-materja, izda kellu invece, id-dover li jokkupa ruhu minnha u jipprovdi dwarha, anke biex jara jekk din, fil-konkret, setghetx tikkontrasta t-talba ta’ l-applikant fl-appell migjub quddiemu. Fil-verita` allura, ma kien hemm xejn x’ josta lill-Bord, fl-espletar tal-funzjonijiet tieghu, milli jidderimi u jiddeciedi l-eccezzjoni sollevata wara li janalizza kif jixraq is-sustanza u l-meritu taghha fl-ambitu tal-provi. Dan ghaliex l-eccezzjoni moghtija ma tistax tisfuggi l-investigazzjoni li *ope legis* il-Bord hu tenut jaghmel bhala parti mill-process tal-*judicial review*;

Ma jidherx minn dan appena registrat illi b’ daqshekk il-Qorti ta' l-Appell marret kontra d-dispost ta’ l-Artikolu 15 (2) ta’ l-Att I ta’ l-1992. Hi kkunsidrat il-punt ta’ ligi sottomess lilha u nterpretatu fil-parametri tal-motivazzjonijiet maghmula mill-Bord. Hi rriteniet, korrettement fil-fehma ta’ din il-Qorti, illi l-Bord kellu jezamina l-eccezzjoni b’mod konkret. Kien appuntu ghalhekk li, apparti l-konsiderazzjoni fuq it-tieni aggravju ta’ l-Awtorita` fil-meritu, irrinvijat l-atti lura lill-Bord;

Issa naturalment jista’ jkun li, kif sewwa ntqal mir-ritrattand fis-sottomissjonijiet tieghu, quddiem il-Bord kwestjonijiet koncernanti zvilupp ta’ proprjeta` huma kostantement suggetti ghar-revizjoni u aggornament. Dan kemm ghar-

raguni ta' tibdil ta' l-istess zvilupp mahsub kemm ghal revizjoni ta' *policies* u skemi. Tali ezercizzju u indagini kellu pero` jigi kondott u approfondit mill-Bord biex dan jistabbilixxi jekk hekk kienx tabilhaqq il-kaz u mhux jadotta principji generici minghajr id-debitu kontroll u epurar tal-fatti;

In meritu ghall-kuncett tal-gudikat gie deciz illi, "kif inghad f' ghadd ta' decizjonijiet l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f' sentenza. Li tbieghed il-possibilita` ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita` ta' kwestjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun inghatat" - "**Carmelo D' Amato *et* -vs- Carmelo Camilleri**", Qorti Civili, Prim' Awla, per Imhallef J. R. Micallef, 10 ta' Jannar 2002;

Dan s' intendi huwa l-principju. B' danakollu biex r-*res judicata* tigi eccepita b' success jehtieg li c-cirkostanzi rilevanti tal-kaz jibqghu l-istess bhal dawk tal-kaz ta' qabel. Ara "**Angelo Bartolo -vs- Concetta Lautier**", Appell, 29 ta' April 1966. Jekk ikun hemm tibdil fic-cirkostanzi jigi li s-sentenza ta' qabel ma titqiesx ta' ostakolu ghar-riproposizzjoni tat-talba. Ara "**Peter Paul Muscat -vs- Giuseppe Muscat**", Appell, 30 ta' Gunju 1969. Skond gurisprudenza pacifika dan hu maggorment hekk f' kawzi ta' separazzjoni jekk ikunu vverifikaw ruhhom fatti posterjuri jew sopravvenuti ghas-separazzjoni (Ara **Kollez. Vol. XXIX P II p 603; Vol. XXXVI P II p** 470), kawzi ta' alimenti (**Vol. XXXVIII P II p 533; Vol. XLVIII P II p 1191**), u kawzi dwar lokazzjonijiet (**Vol. XLV P I p 24; Vol. XLII P I p 91**);

L-istess principju indubbjament kapaci jigi prattikat u estiz ghall-kwestjonijiet ta' talbiet ghall-izvilupp. Izda biex wiehed jara jekk dan huwiex hekk il-kaz jokkorri li jigu ezaminati l-fattezzi tal-kaz partikolari u l-*policies* li jghoddu biex jigi determinat jekk ic-cirkostanzi tal-kaz ta' qabel

tbiddlux ghal finijiet ta' l-applikazzjoni tar-*res judicata*. Hu proprju dan li bis-sentenza issa ritrattata l-Qorti ta' l-Appell ordnat lill-Bord li ghandu jaghmel. B' daqshekk, la logikament u wisq anqas guridikament, ma jista' jinghad is-sentenza ritrattata hija monka ghax ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi. Il-kunsiderazzjonijiet li ghamlet kienu merament gudizzji sovrani taghha fuq il-punt kontrovers;

Ma jkunx inopportun li jigi mfakkar dak li darb' ohra gie rilevat, jigifieri, li "l-gudikant ghandu jiddeciedi l-kazijiet skond il-ligi u skond il-fattezzi specjali taghhom … Id dover tal-gudikant huwa mhux sempliciment dak li japplika l-ligi imma anki li jara minhabba c-cirkostanzi specjali tal-kaz, x' inhija l-probabili intenzjoni tal-legislatur f' dawk ic-cirkostanzi u li japplika l-ligi u jinterpreta b' mod li jista' jikkonciljaha mal-ligijiet l-ohra biex l-applikazzjoni taghha ma tigix ingusta." - "**Emanuele Bonello *et* -vs- Edmund Percy Larchin**", Qorti ta' l-Appell, 15 ta' Dicembru 1945 (**Kollez. Vol. XXXII P I p 309**);

Naturalment is-sentenza ritrattata ghamlet sewwa li rrimettiet l-atti lura lill-Bord in kwantu l-konstatazzjonijiet ta' fatt ghad-determinazzjoni tal-punt in kontestazzjoni huma mhollija fil-gurisdizzjoni tal-Bord, u mhux ukoll tal-Qorti ta' l-Appell, li *ope legis* hi fakoltizzata tissindika d-decizjoni dwar punt ta' ligi deciz [Artikolu 15 (2)]. Huwa proprju wara li jsiru dawn il-konstatazzjonijiet ta' fatt mill-Bord li dan imbaghad ikun jista' jaghti dawk id-direttivi li jidhirlu xierqa fuq l-eccezzjoni jew il-meritu (Artikolu 6 tat-Tielet Skeda);

Dan ghaliex "hu minn dawn il-konstatazzjonijiet ta' fatt li jermergu l-elementi ta' l-identita` ta' l-oggett fiz-zewg kawzi (applikazzjonijiet) u li jrid jigi strettament sodisfatt biex tigi milqugha l-eccezzjoni tar-*res judicata.* Dan sal-punt li f' kaz ta' dubju d-decizjoni tal-Qorti (l-Bord) ghandha tkun kontra li tigi milqugha l-eccezzjoni tal-gudikat ghax altrimenti jigi ndebitament pregudikat l-attur (l-applikant) in kwantu jigi mcahhad milli jkollu t-talbiet tieghu definiti giudizzjarjament. L-*exceptio judicati*

ghandha bhala fundament taghha l-interess pubbliku u hija ta' interpretazzjoni strettissima, u f' kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jaqta' kontra din l-eccezzjoni (**Vol. XXIX P I p 1155**)" - "**Giuseppa mart Leonardo Mizzi *et* -vs- Joseph Sacco**", Appell, 31 ta' Mejju 1996;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, hu l-kaz li din il-Qorti tirrespingi l-aggravji sottomessi lilha mir-ritrattand.

Ghal dawn il-motivi, ir-rikors ghas-smigh mill-gdid ibbazat fuq is-subinciz (e) ta' l-Artikolu 811, Kapitolu 12 qed jigi michud, bl-ispejjez jigu sopportati mir-ritrattandi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------